MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2009

Numru. 6/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond Cassar)**

**-vs-**

**Malcolm Tanti**

Kumpilazzjoni numru: 6/2009

Il-Qorti

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Malcolm Tanti, ta’ 35 sena, iben Anthony u il-mejta Lilianne nee’ Soyer, imwieled San Giljan fis-26 ta’ Settembru, 1973, residenti fil-fond numru 21, Telghat Birkirkara, San Giljan, detentur tal- karta ta’ l- identita` bin- numru 467173M.

Akkuzat talli;

1. Nhar id-19 ta’ Dicembru, 2008 u fil-jiem ta’ qabel, f’hinijiet differenti f’dawn il-Gzejjer sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innfisu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni u/jew stqarrija falza u/jew ta taghrif falz billi wahhal licenzja falza bin-numru FBH 508 fuq mutur tal-marka Piaggo bin-numru FAI 749;
2. u aktar talli fl-istess zmien, lok, hin u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi wahhal licenzja falza bin-numru FBH 508 fuq mutur tal-marka Piaggo bin-numru FAI 749;
3. u aktar talli fl-istess zmien, f’hinijiet differenti, f’dawn il-Gzejjer, saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni FAI 749 minghajr licenzja tas-sewqan, u b’hekk ma kienx kopert b’polza tas-sigurta dwar riskju ta’ terzi persuni;
4. Fid-19 ta’ Dicembru, 2008 u fix-xhur ta’ qabel, f’hinijiet differenti, f’dawn il-Gzejjer, zamm f’xi fond jew kellu fil-pussess tieghu jew taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu xi arma tan-nar jew munizzjoni u cioe’ arma tal-arja minghajr ma ghandu licenzja jew il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur ta’ l-artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480;

Il-Qorti, giet mitluba li f’kaz ta’ htija minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-ligi tordna l-iskwalifika minn kull licenzja tas-sewqan.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum 16 ta’ Frar 2009 l-imputat ammetta l-imputazzjnijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 188 u 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikoli 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-artikolu 3(1) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll l-artikolu 5(1) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati, il-koperazzjoni ta’l-imputat mal-pulizija u l-ammissjoni tieghu f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri kif ukoll l-fedina penali tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli l-artikoli 188 u 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikoli 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-artikolu 3(1) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll l-artikolu 5(1) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sena prigunerija u li b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28A ta’l-istess Kap 9 qed tigi sospieza ghal perjodu ta’ sentejn u qed tikkundannah ukoll ghal multa ta’ elfejn tlett mija u erbghin Euro (€2,340) li ghandha tithallas fi zmien sitt xhur; l-imputat qed jigi skwalifikat milli jkollu kwalunkwe licenzja ghas-sewqan ghal perjodu ta’ sena.

In oltre l-Qorti qed tordna d-distruzzjoni ta’l-oggetti esebieti bhala Dokument RC6 a karigu tar-Registratur ta’ din i-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------